**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 9 ta` Jannar, 2018**

**Talba Nru: 308/2017PA**

**Gutenberg Press Limited**

**vs**

**Sierra Publications Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-12 ta` Lulju 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasħa s-somma ta` erbat elef, tmien mija u disgħa u għoxrin Ewro, ħamsin ċenteżmu (€4,829.50ċ) bilanċ tal-prezz ta` servizzi ta` stampar mibjugħa u mogħtija lilha mis-soċjeta` attriċi fuq talba tal-istess soċjeta` konvenuta, bl-imgħax legali mid-daata tal-fatturi relattivi sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż tal-kawża, inkluż dawk tal-ittra legali tat-18 ta` Mejju 2017 u tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba (Dok. A, fol. 2); u (ii) ittra legali datata 18 ta` Mejju 2017 (Dok. C. fol. 3).

Ra li s-soċjeta` konvenuta, debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqgħet ma ppreżentatx risposta u lanqas deher rappreżentant tagħha biex biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tas-6 ta` Diċembru 2017, is-soċjeta` attriċi ppreżentat Kapitolu għas-subizzjoni tas-soċjeta` konvenuta, li bih riedet tipprova bil-ġurament tagħha li hija debitriċi tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenża tallum għas-subizzjoni tas-soċjeta` konvenut.

Ra li, minkejja dan, baqa' ma deħer ħadd għas-soċjeta` konvenuta biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni, u biex jikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.4.2004), it-Tribunal xorta waħda irid jikkunsidra jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta` probabilita`, wara jqis il-provi kollħa prodotti quddiemu.

Iqis li s-soċjeta` attriċi pprovat it-talba tagħha, fuq bilanċ ta` probabilitajiet, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Iqis pero` li kwantu għall-imgħax, it-talba tas-soċjeta` attriċi kif impustata ma tistax tintlaqa' billi s-soċjeta` attriċi naqset li tressaq l-aħjar prova tal-fatturi individwali, u d-dati rispettivi tagħhom, minn meta tippretendi li għandhom jiddekorru l-imgħaxijiet.

Ivverifika li s-soċjeta` attriċi ppreżentat mandat ta` sekwestru kawtelatorju kontestwalment ma' dan l-Avviż tat-Talba tiegħu, liema mandat ġie reġistrat bin-numru 1247/2017.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma mitluba ta` erbat elef, tmien mija u disgħa u għoxrin Ewro, ħamsin ċenteżmu (€4,829.50ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, flimkien ma' dawk tal-ittra legali tat-18 ta` Mejju 2017, u tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 1247/2017 jitħallsu mis-soċjeta` konvenuta.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**